# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Raymond Spiteri et.**

Illum, 27 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati

Raymond Spiteri ta' 57 sena, iben George u Gaetana xebba Mercieca, imwieled fit-18 ta' Jannar 1960, u residenti ġewwa Block Q, Flat 6, Triq ix-Xemxija, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' 87160 M

u

Costantino Gouder ta' 36 sena, iben Costantino u Jane xebba Vella, imwieled Pieta' fit-3 ta' Marzu 1981, u residenti ġewwa 29, Triq il-Gendus, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' 138481M

fejn ġew akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, fil-25 ta' Marzu 2017 għall-ħabta tas-18.50hrs ġewwa fond numru 42, Triq il-Ferrovija, Santa Venera;

1. Bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq għad-dannu ta' Joseph Mizzi u/jew persuna/i oħra, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi aċċedew ġewwa l-istess fond, u liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku

seħħ kien jikkwalifika bil-ħin, bil-mezz u bil-valur iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Euro 2,329.37) bi ksur tal-Art. 41 (1) (a), 263 (a), 264 (1), 270, 279 (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, b'mezz ta' kull xorta, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' il-bieb ta' barra għad-dannu ta' Joseph Mizzi u/jew persuna/i oħra, liema ħsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il ewro u sebgħa w erbgħin ċenteżmu (Euro 116,47) bi ksur tal-Art 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Ukoll talli saru reċidivisti b'sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma deċiżi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula ai termini tal-Art. 49, 50, 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Lil Costantino Gouder waħdu talli:

4. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, wara li ġie kkundannat f'Malta għal serq jew għal riċettazzjoni, ġie misjub fil-pussess ta' flus jew ta' oġġetti oħra li ma kinux tal-kundizzjoni tiegħu, mingħajr ma ta kont sodisfaċenti ta' kif kienu ġew leġittimament għandu jew instabu għodo oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi u ċioe', żewġ turnaviti; mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimi insabu għandu f'dak iż-żmien bi ksur tal-Art. 287 tal-Kodiċi Kriminali.

5. Wettaq delitt punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mgħotija mill-Qrati ta' Malta - Mġt Dr. M. Farrugia LL.D nhar is-7 ta' Diċembru 2016, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mħassra, mnaqqsa jew mibdula.

**Il-Qorti,**

Rat illi l-akkużati m'għandhomx oġġezzjoni għall-arrest tagħhom;

Rat illi l-Prosekuzzjoni, seduta stante, irtirat l-akkuża numru tlieta (3) fil-konfront ta' Raymond Spiteri biss, filwaqt illi insistiet fuq l-akkużi l-oħra kollha.

Rat illi l-Prosekuzzjoni eżebiet il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u għalhekk il-Qorti tirrisolvi ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat illi wara li sar l-eżami taż-żewġ akkużati, dawn ammettew l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom.

Rat illi, wara illi tat żmien lill-akkużati sabiex jikkunsidraw l-ammissjoni tagħhom, huma reġgħu kkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti,

Rat l-ammissjoni tal-akkużat Raymond Spiteri;

Rat il-fedina penali netta tal-akkużat;

Rat l-Art. 41 (1) (a), 263 (a), 264 (1), 270, 279 (b) u l-Art 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u;

Fiċ-ċirkostanzi, filwaqt li ssibu ħati tal-akkużi kollha kif dedotti,

**Tikkundannah** piena karċerarja ta' **sena**, sospiża għal **erba' snin**.

Il-Qorti,

Rat l-ammissjoni tal-akkużat Costantino Gouder;

Rat il-fedina penali netta tal-akkużat u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Diċembru 2016;

Rat l-Art. 287 u l-Art. 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u;

Issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u;

**Tikkundannah** piena ta' priġunerija ta' **tnax-il xahar**, kif ukoll qed **iddaħħal in vigore** l-effetti tas-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2016, fejn kien ġie kkundannat priġunerija ta' **tmintax-il xahar.**

**Titlob** lill-awtoritajiet tal-ħabs sabiex jagħmlu dak neċessarju biex l-akkużat jingħata t-trattament kollu meħtieġ biex joħroġ mill-vizzju tad-droga.

**Magistrat Francesco Depasquale**